**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Novembru, 2017**

**Talba Nru: 200/2017PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Drakes Gemma Ann (42674(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 t'April, elfejn u sbatax (2017) illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tlieta u sebghin ewro u erbgha u erbghin centezmi (€573.44) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40191262, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2015/15, u bl-imghaxijiet legali sa mid-29 ta' Ottubru, 2015, data tal-prezentata tal-ittra ufficjali kontra l-istess konvenuta.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba. (a fol. 2-5 tal-process).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tas-6 ta' Novembru, 2017 u ghas-seduta tal-lum.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tal-lum stess.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata naqset milli tattendi ghas-seduta tas-6 ta' Novembru, 2017 u ghas-seduta tal-lum u lanqas prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi permezz tax-xhieda taghha moghtija llum stess, ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici ikkonfermat il-kontenut tat-talba odjerna u li l-ammont mitlub ghadu dovut mill-intimati sal-gurnata tal-lum.

Illi tali ammont jirrizulta wkoll mill-provi dokumentali prezentati mill-istess socjeta` attrici flimkien mal-avviz.

Illi ghaldaqstant jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija sodisfacentement ippruvata salv li l-imghaxijiet relattivi ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika lill-intimata tal-avviz odjern u dana in linea ma' dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu. L-ittra ufficjali imsemmija fit-talba perdipiu` ma jirrizultax li giet notifikata lill-intimata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tlieta u sebghin ewro u erbgha u erbghin centezmi (€573.44) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-

numru 40191262, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2015/15, u bl-imghaxijiet legali sa mit-3 ta' Novembru, 2017, data tan-notifika lill-intimata tal-avviz odjern.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**